MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 394/2012

**Valhmor Borg Import Export Limited**
**(C 3062)**

**vs**

**Sherif Said Mohamed Al Sherif ( ID 47714A) u**
**Svetlana Al Sherif (ID 168285M) u**
**Ian Chircop Beck (ID 64586M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Novembru 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuha s-somma ta' sitt t'elef, hames mija u hamsa u disghin Euro, seba' u disghin centezmu (€6,595.97) rapprezentanti kemm prezz bilancjali ta' diversi konsenji moghtija lill-konjugi Al Sharif u ggarantiti minn Ian Chircop Beck, u dana fil-valur ta'

hames t'elef, u tnejn u sittin euro u seba' u disghin centezmu (€5,062.97) kif ukoll ghall-ammont ta' flus misluf lill-intimati indivizament u li immatura ghal hlas, u dana fl-ammont ta' elf, hames mija u tlieta u tletin euro (€1,533), kif ahjar deskritt fid-dokumentazzjoni pprezentata ma' l-avviz..

Bl-ispejjez, inkluz tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju, ta' l-ittra legali datata 15 ta' Lulju 2012 u u bl-imghaxijiet mll-15 ta' Lulju 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma ingunti in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew notifikati lil Sherif Said Mohamed u Svetlana Al Sherif fl-4 ta' Dicembru 2012 u lil Ian Chircop Beck fil-5 ta' Dicembru 2012, u dan skond ir-riferti pozittivi tal-Purtier Carmel Gauci datati 6 ta' Dicembru 2012 u 7 ta' Dicembru rispettivament (fol 6 tergo).

Illi fis-seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti (fol8).

Rat illi fis-seduti tat-18 ta' Jannar 2013 il-konvenuti gew imsejjha izda ma dehrux, la biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba ta' l-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt t'elef, hames mija u hamsa u disghin Euro, seba' u disghin centezmu (€6,595.97) kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax mis-26 ta' Novembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------